MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru. 778/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**MARCO ATTARD**
**MARIA CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marco Attard ta’ 44 sena, bin John u Salvina nee’ Falzon, mwieled Pieta’ nhar l- 10 ta’ Lulju 1965, residenti fil- fond Flt. Nru. 3, Wigan, Triq Apap Bologna, Wied il- Ghajn u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 340065(M);

U

Maria Camilleri ta’ 38 sena, bint Carmelo Camilleri u Carmela nee’ Farrugia, mwielda B’ Kara nhar il- 5 ta’ Lulju 1971, residenti Flt. Nru. 3, Wigan, Triq Apap Bologna, Wied il- Ghajn u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 366971(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 2007 u fix- xhur u s- snin ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin, f’ hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u dana bi ksur tal- Artikolu 18 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

1) talli meta kellhom ir- responsabilta’ ta’ tifel taht 12- il sena u b’ atti persistenti ta’ ghemil jew ta’ nuqqas ta’ ghemil, haqru lil Kevin Chircop u persuni ohra, li llum ghandhom il’ fuq minn 15- il sena jew giegheluhom jew ippermettu l- mohqrija ta’ dan it- tifel u persuni ohra b’ mezzi simili;

2) barra minn dan, akkuzati ukoll talli fl- istes cirkostanzi, saru recidivi b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema saru definittivi u ma jistghux jithassru qatt;

Lil Marco Attard wahdu talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 2007 u fix- xhur u s- snin ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin, f’ hinijiet differenti fil- gzejjer Maltin, li jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u dana bi ksur tal- Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) talli rrenda ruhu komplici billi gieghel lil Kevin Chircop u persuni ohra jaghmlu delitt, cioe’ dak ta’ diversi serq ta’ oggetti minn hwienet, b’ mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew ghemil qarrieqi, inkella b’ abbuz ta’ awtorita’ jew setgha inkella li kien ta struzzjonijiet biex sar id- delitt;

4) ukoll talli fix- xahar ta’ Awwissu 2007 filwaqt li kien fir- restaurant imsejjah Cottoner Bar and Restaurant, li jinsab fi Vjal il- Cottoner gewwa l- Fgura, minghajr il- hsieb li joqtol jew jqieghed il- hajja tal- minorenni Kevin Chircop, f’ periklu car, ikkagunalu ferita’ ta’ natura gravi, permezz ta’ sikkina, liema ferita iggibli mankament jew sfregju fil- pala tal- id, hekk kif iccertifika Dr. Edward Scerri, it- tabib tac- Centru tas- Sahha ta’ Hal- Qormi;

5) talli matul ix- xahar ta’ Awwisu 2007, u fil- granet u x- xhur ta’ qabel, filwaqt li kien fir- restaurant imsejjah Cottoner Bar and Restaurant li jinsab fi Vjal il- Cottoner, Fgura u fi bnadi ohra fil- gzejjer Maltin, ikkawza diversi griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna tal- minorenni Kevin Chircop;

6) u aktar talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 2007 ghal habta ta’ tard filghodu u fil- granet u x- xhur ta’ qabel, filwaqt li kien fir- restaurant Cottoner Bar and Restaurant li jinsab Vjal il- Cottoner, Fgura u fi bnadi ohra fil- Gzejjer Maltin, hebb kontra l- persuna tal- minorenni Kevin Chircop sabiex jingurjah jew jaghmel hsara lill- istess.

7) akkuzat ukoll talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 2007 ghal habta ta’ tard filghodu u fil- granet u x- xhur ta’ qabel filwaqt li kien fi- restaurant Cottoner Bar and Restaurant fi Vjal il- Cottoner Fgura u fi bnadi ohra fil- Gzejjer Maltin, qal kliem ta’ theddid fil- konfront tal- minorenni Kevin Chircop;

8) akkuztat ukoll talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 2007 ghal habta ta’ tard filghodu u fil- granet u x- xhur ta’ qabel filwaqt li kien fir- restaurant imsejjah Cottoner Bar and Restaurant gewwa Vjal il- Cottoner, Fgura u fi bnadi ohra fil- Gzejjer Maltin, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg ohra iebsin u qabad armi kontra l- persuna tal- minorenni Kevin Chircop;

9) u aktar talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 207 ghal habta ta’ tard filghodu, qal fil- pubbliku kliem oxxen u ndicenti;

10) Talli nhar is- 17 ta' Awwisu 2007 ghal habta ta' tard filghodu, volontarjament kiser il- buon ordni u l- kwiet tal-pubbliku;

11) Barra minn hekk, akkuzat ukoll talli nhar is- 17 ta' Awwissu 2007 ghal habta ta' tard filghodu u fil- granet u x-xhur ta' qabel, ingurja billi offenda bil- kliem lil minorenni Kevin Chircop

12) Akkuzta ukoll talli nhar is- 17 ta Awwisu 2007 ghal hatba ta' tard filghodu u fil- granet u x- xhur ta' qabel, gab ruhu b' mod li jaghti fastidju lill- minorenni Kevin Chircop, b' mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta' fastidju ghall- persuna ta' dan il- minorenni;

13) Akkuzat ukoll talli nhar is- 17 ta' Awwissu 2007 ghal habta ta' tard filghodu u fil- granet u x- xhur ta' qabel, gab ruhu b' tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew missu kien jaf li b' tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza';

14) Barra minn hekk akkuzat talli, kiser il- kundizzjonijeit imposti fuqu mill- Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D fil-Qorti tal- Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill- 25 ta' Jannar 2005.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza kienet inbdiet fuq rapport maghmul lis-servizzi tal-harsien tat-tfal fi hdan l-Agenzija Appogg. Fuq dak ir-rapport, bdiet investigazzjoni mill-Pulizija, li wasslet ghall-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri kontra l-imputati. Mill-provi prodotti, izda, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet

ma tirrisulta. L-allegat vittma f' dan il-kaz, il-minuri Kevin Chircop, debitament assistit minn avukat ta' fiducja tieghu, ghazel li ma jixhedx f' dawn il-proceduri, meta gie debitament imwissi li b'dak li jghid jista' jinkrimina ruhu u jintuza kontra tieghu fi proceduri penali. Dan qieghed jinghad peress illi rrisulta lill-Qorti li dan il-kaz seta' kien ibbazat kollu kemm hu fuq rapport mhux veritier tal-istess minuri. Ghalhekk, fl-assenza tax-xiehda tieghu, il-provi l-ohra kollha huma biss *detto del detto* u ma jistghu qatt iwasslu ghal kundanna kontra l-imputati. Konsegwentement, l-imputati ser jigu lliberati f'din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 247A (1), 247 A (2), 247A (3), 216 (1) (b), 217, 222 (1) (a), 202 (h), 221 (1), 221 (2), 339 (1) (e), 338 (bb), 338 (dd), 17, 31, 49, 50 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------